# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju, 2023**

**Numru 11**

**Rikors Numru 186/19TA**

**The Wholesaler - B.E.L. Group Ltd**
**[C 54702]**

**vs**

**C & C Electrical and Plumbing Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' The Wholesaler-B.E.L Group Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tat-22 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi s-socjeta esponenti bieghet merkanzija lis-socjeta intimata;
2. Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merce illum jammonta ghal ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u tletin Ewro u disa' centenzmi (€19,733.09);

3. Illi dan id-debitu ilu dovut, u ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas, u minkejja diversi wieghdiet, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

4. Illi dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tar-rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma taghha l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi huwa jaf dawn il-fatti personalment, u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni;

Tghid is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta intimata debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u tletin Ewro u disa' centenzmi (€19,733.09);

2. Tikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u tletin Ewro u disa' centenzmi (€19,733.09);

3. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali mid-data tal-konsenji, u bl-ispejjes, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta C&C Electrical and Plumbing Ltd (is-Soċjeta' konvenuta) tal-20 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha eċċepiet u wieġbet is-segwenti:

1. "Huwa minnu li s-socjeta rikorrenti attrici bieghet merkanzija lis-socjeta konvenuta u dan sabiex din il-merkanzija tigi uzata f'xogholijiet esegwiti mis-socjeta konvenuta ghak-kont ta' klijenti taghha.

2. Irrizulta li dina l-merkanzija kienet diffettuza u mhux tal-kwalita pattwita bil-konsegwenza li s-socjeta konvenuta giet esposta ghall-numru ta' ilmenti mill-klijenti taghha wara li din il-merkanzija giet adoperata u uzata fil-progetti u xogholijiet ezegwiti mis-socjeta konvenuta ghak-kont tal-klijenti taghha.

3. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti u ghall-ragunijiet ohra li ser jirrizultawla fil-kors tas-smigh tal-kawza, ghandha:

3.1. tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti attrici li permezz taghha ntalbet tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta eccipjenti u konvenuta hija debitrici tas-socjeta rikorrenti attrici fis-somma ta' sittax il-elf tlett mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€16,383.88);

3.2. tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti attrici li permezz taghha intalbet tikkundanna lis-socjeta eccipjent u konvenuta sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti attrici s-somma ta' sittax il-elf tlett mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€16,383.88);

3.3. tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti attrici ghall-hlas ta' interessi legali u spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-kontro-talba tas-Soċjeta' konvenuta ukoll tad-19 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha premettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi l-esponenti rikonvenzjonanti xtrat merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti attrici rikonvenzjonata, liema merkanzija kellha tigi uzata u adoperata f'diversi progetti ta' *finishing* li s-socjeta esponenti rikonvenzjonanti giet ikkuntrattata sabiex tezegwixxi minn klijenti varji u differenti taghha.

2. Illi l-esponenti rikonvenzjonanti rriskontrat diversi difetti fil-merkanzija mixtrija minghand u fornuta mis-socjeta rikorrenti attrici rikonvenzjonata liema difetti esponew lis-socjeta esponenti rikonvenzjonanti ghall-ilmenti u pretensjonijiet ghall-danni kkawzati mill-uzu u adoperar ta' merkanzija difettuza u mhux tal-kwalita pattwita u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tas-smigh tal-odjerna procedura.

3. Illi kawza ta' dawn l-ilmenti u pretensjonijiet is-socjeta esponenti rikonvenzjonanti giet esposta ghall-hlas ta'danni mill-klijenti li ilmentaw u resqu pretensjonijiet marbuta mall-merkanzija difettuza uzata u adoperata u dan minbarra li l-istess socjeta esponenti rikonvenzjonanti inkorriet danni ohra materjali marbuta ma' xogholijiet rimedjali li kellhom jigu esegwiti sabiex tigi rimedjata l-hsara kkawzata mill-uzu u adoperar ta' din il-merkanzija difettuza u ta' kwalita skadenti u mhux atta ghax-xogholijiet li ghaliha kienet destinata.

Ghalhekk l-esponenti rikonvenzjonanti qieghda titlob bir-rsipett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghogbha:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata hija responsabbli u hatja talli bieghet u forniet merkanzija difettuza, skadenti u mhux tal-kwalita pattwita u li kawza ta' hekk l-esponiet lis-socjeta esponenti rikonvenzjonanti ghall-ilmenti u pretensjonijiet ghall-hlas ta' danni mill-klijenti taghha minbarra li kkawzatilha dannu meta l-istess socjeta esponenti rikonvenzjonanti kienet kostretta tesegwixxi xogholijiet rimedjali sabiex tirrimedja l-hsarat; u

(2) tillikwida d-danni subiti u sofferti mis-socjeta esponenti rikonvenzjonanti kawza tal-uzu u adoperar ta' merkanzija difettuza, skadenti u mhux ta' kwalita pattwita u okkorrendo dan permezz ta' periti nominandi; u

(3) tikkundanna lis-socjeta rikorrenti attrici rikonvenzjonata sabiex thallas l-ammont hekk likwidat lill-esponenti socjeta rikonvenzjonanti.

Dan kollu bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali mid-data meta gew effettivament sofferti id-danni sad-data tal-hlas effetiv kontra s-socjeta rikonvenzjonata li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Attriċi għall-konto-talba tas-Soċjeta' konvenuta tas-16 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi huwa pacifiku li s-socjeta esponenti bieghet merkanzija lis-socjeta intimata u li l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merce illum jammonta ghal sittax-il elf tlett mija tlieta u tmenin Euro u tmienja u tmenin centenzmu (€16,383.88), liema debitu ilu dovut, u ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas, u minkejja diversi wieghdiet, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

2. Illi l-intimata fil-kawza tghid li rriskontrat diversi difetti fil-merkanzija mixtrija u fornuta mill-esponenti, liema difetti esponewha ghal ilmenti u talbiet ghad danni ikkawzati mill-uzu u adoperar ta' merkanzija difettuza u mhux tal-kwalita patwita. Illi dan huwa kollu inveritier, u minbarra l-fatt li s-socjeta intimata rikonvenzjonata qatt ma ghamlet kwalsiasi talba f'dan is-sens, qatt ma kitbet lill-esponenti dwar dan, u wisq aktar qatt ma hadet passi kontra l-esponenti – huwa biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri fejn l-intimati gew interpellati ghal hlas li qed iqajjmu din l-iskuza biex ma jhallsux;

3. Illi jinkombi fuq l-intimati jghidu minn min huma dawn l-ilmenti li rciviet u min interpellha ghad danni u liema tip ta' danni giet esposta ghalihom, u liema danni hallset lil min, kif ukoll liema hsara giet

kawzata u kif giet kawzata, u liema kienu x-xogholijiet rimedjali u kemm kienu dawn, u x'kienu l-konsegwenzi ta' dawn;

4. Illi minbarra dan, l-intimati kienu sahansitra hallsu b'cekkijiet l-ammont intier izda dawn ic-cekkijiet baqghu ma ssarfux ghax ma kienx hemm fondi bizzejjed;

Bl-interessi legali mid-data tal-konsenji, u bl-ispejjes, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li ix-xhieda f'din il-Kawża għandha tapplika ukoll għall-Kawża l-oħra bin-numru 187/2019 li qed tkun deċiża ukoll illum stess.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta' Attriċi biegħet u kkonsenjat merkanzija lis-Soċjeta' konvenuta konsistenti f'materjal idrawliku li tal-aħħar kienet tinstalla fil-proġetti li kienet qed tesegwixxi. Jidher li fadal l-ammont ta' €16,383.88 x'jitħallas. Minkejja li dan l-ammont ġie mitlub il-ħlas tiegħu, is-Soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti. Is-Soċjeta' konvenuta qed tgħid li hi soffriet danni minħabba li l-merkanzija konsenjata kienet difettuża bil-konsegwenza li fil-proġetti fejn ħadmet kien hemm ammont sostanzjali ta' leakages ta' ilma u b'hekk ġiet li sofriet id-danni fost oħrajn minħabba li klijenti ser ifittxuha jew kellhom jissaldaw magħhom. Minħabba f'hekk is-

Soċjeta' konvenuta ipprevaliet ruħha mill-fakolta' tal-kontro-talba fejn qegħdha titlob id-danni.

**Punti ta' liġi**

**2.** Il-kwistjoni titratta kuntratt ta' bejgħ u skont artikolu1346 tal-Kodiċi Ċivili *Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha*. Min-naha tagħha, is-Soċjeta' konvenuta tgħid li l-merkanzija konsenjata kienet difettuża u mhux tal-kwalita' pattwita (ara premessa 2 tal-kontrotalba). Għalhekk is-Soċjeta' konvenuta skont artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew <u>li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.</u>

**Konsiderazzjonijiet**

**3.** Jibda biex jingħad mill-ewwel li s-Soċjeta' konvenuta ma hiex tikkontesta li l-ammont li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi fil-fatt huwa dak korrett. Li qed tikkontesta huwa l-fatt li ma għandhiex tħallas dak l-ammont għaliex il-merkanzija hija difettuża u mhux tal-kwalita' pattwita. Di fatti anke l-kontro-talba hija marbuta ma' dan il-fatt uniku u tul il-kawża s-Soċjeta' konvenuta rabtet il-provi kollha tagħha, kemm ix-xhieda u anke dokumenti,

mal-fatt li l-merkanzija hija difettuża. Dan ifisser ukoll li l-kwistjoni hija determinabbli mis-suċċess o meno' tal-kontro-talba.

**4.** Kif diġa' intqal is-Soċjeta' konvenuta tibbaża kollox fuq l-azzjoni ai termini tal-artikolu 1390 tal-kodiċi Ċivili. Fir-rigward ta' azzjoni bħal din il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza tal-**21 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet Joseph Sammut u Maria Stella Sammut -vs- Johanna Adriana Fenech Dekkers tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili** fejn intqal hekk f'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti:

"*F'dan il-każ l-atturi pero ma talbu ebda waħda miż-żewġ rimedji disponibbli a bażi tal-artikolu 1390 indikat mill-istess attruri. Huma talbu biss danni filwaqt li mhux qed jirrexxendu l-bejgħ u anqas talbu li jżommu l-oġġett tal-bejgħ b'aġġustament tal-prezz biex jirrifletti l-kejl attwalment mibjugħ. Tali talba mhix ammissibbli mill-liġi. Tnaqqis fil-prezz ma hux sinonimu ma' danni liema aħħar diċitura hi aktar wiesa fl-interpretazzjoni u effetti tagħha.*

*Id-danni huma biss applikabbli qua talba taħt l-artikolu 1390 jekk il-kumpratur jirrifjuta l-oġġett li mhux il-każ f'din il-kawża. Dan apparti li anki l-elementi tal-provi fiż-żewġ istanzi huma differenti. Il-liġi, la darba talba issir a bażi tal-artikolu 1390 ma tagħtix lix-xerrej opzjonijiet oħra ħlief dawk li joħorġu mill-istss artikolu u dawk konnessi miegħu bħall-artikoli 1402, 1404 u 1406 tal-Kodiċi Ċivili."* (Ara f'dan is-sens **Sentenza fl-ismijiet JC Hydraulics Limited -vs- Waste Control Services Limited, PA tat-28 ta'**

**Ġunju 2001 u Atlas Insurance PCC Limited -vs- United Equipment Co Ltd, App Inf. tas-6 ta' Ottubru 2010**).

**5.** Issa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa wieħed fejn is-Soċjeta' konvenuta qegħda titlob id-danni iżda mhux tirrifjuta l-oġġett. L-anqas ma hi qed titlob li żżomm l-oġġett u titlob riduzzjoni fil-prezz. L-azzjoni abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili ma tippermettix l-azzjoni li qed tkun esperita. Desmond Delia jgħid li l-fittings kienu difettużi peress li ġieli kienu vojti mill-makkinarju meħtieġ biex ikun hemm gripp u ma joħroġx. Il-problemi kien jirriferihom fost oħrajn lil Jonathan Gauci (a' fol 298 u 298 tergo). Jgħid, li minn kalkolu, minn elf kien hemm ħamsa sebgħin, mija (a' fol 304). Għalhekk ma kien hemm xejn xi jżomm lis-Soċjeta' Attriċi li żżomm l-oġġetti mibjugħa, kif fil-fatt jidher li għamlet fir-rigward ta' dawk li ma kellha ebda ilmenti u titlob għalhekk riduzzjoni fil-prezz. B'hekk kienet tkun konformi mal-azzjoni esperita.

**6.** Il-Qorti setgħet waqfet hawn iżda tħoss li xorta għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa minnu li l-oġġetti mibjugħa ġew installati u anke dawk tajbin ma hux prattikabbli li jistgħu jinqalgħu. Dan ifisser li li kieku s-Soċjeta' konvenuta aġixxiet tempestivament u ma qagħditx toqgħod taħsibha seta' kellha azzjonijiet oħra disponibbli għaliha fid-dawl li id-difett lamentat li kien moħbi u setgħu isiru jafu bih biss meta jkun hemm leakage.

**7.** Imma apparti dan hemm il-prinċipju l-ieħor li jistabilixxi li min jallega d-danni għandu d-dmir li jipprovahom. Hija s-Soċjeta' konvenuta li f'dan il-każ trid tipprova d-danni u dan irid isir b'mod konvinċenti u mhux b'sempliċi dikjarazzjonijiet (Ara **Sentenza fl-ismijiet Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri, Appell Ċivili, tal- 24 ta' Jannar 1969**).

**8.** F'dan ir-rigward il-Qorti irriskontrat żewġ ostakoli. L-ewwel wieħed huwa dak li l-ilmenti kollha kienu ndirizzati kontra Unique Turnkey Limited u mhux kontra s-Soċjeta konvenuta. Anke meta jingħad li ntlaħaq ftehim mal-klijent (Ara per eżempju il-ftehim mal-Beer Bar a' fol 267 li huwa iffirmat minn Charlene Gravina fl-interess ta' Unique). Kull dokument li eżaminat il-Qorti jirreferi għal din il-Kumpanija u mhux għas-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti tifhem, li forsi d-diretturi taż-żewġ kumpaniji ma jagħmlux differenza bejn iż-żewġ Kumpaniji peress li għadhom l-istess diretturi u anke l-istess azzjonisti, pero' għall-fini legali hemm differenza kbira. It-tnejn huma żewġ persuni, għalkemm morali, differenti u distinti. Ma hemm ebda prova, li Unique Turnkey Limited qed titlob xi danni mingħand is-Soċjeta' konvenuta.

**9.** Osservazzjoni oħra hija, li hemm il-provi huma pjuttost ambivalenti fis-sens, jekk dawn il-leakages kienux dovuti għal difett fil-merkanzija jew minħabba installazjoni ħażina tagħhom. Is-Soċjeta' konvenuta esebiet numru ta' dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha (a' fol 213). Dok UTL1 hija ittra datat 2/8/2016 li minnha jirrisulta illi l-klijent qiegħed jilmenta

minn xogħol ħażin li l-parti kbira tiegħu ma għandu x'jaqsam xejn mal-pretensjonijiet avvanzati. Leaks jissemmew, iżda l-assjem tal-ilmenti tal-klijent jindikaw ċar li x-xogħol ma twettqax skond l-arti u s-sengħa. Ittra oħra ta' Belmar Apartments għalkemm ukoll tagħmel referenza għal-leaks, issemmi ukoll esekuzzjoni ta' xogħol ħażin in ġenerali (a' fol 241). Dok UTL C jirreferi għal Unique Turnkey Ltd. Dok UTL 4 il-klijent addirittura jagħmel referenza għal *damages resulting from poor workmanship*, l-email hija ukoll ta' Unique (a' fol 245). Dok UTL 6 ittra mingħand Michael Steen Enderson apparti mil-leaks ukoll jilmenta fuq nuqqasijiet oħra minħabba xogħol ħażin bħal ma huma bibien ma jingħalqux sewwa u konsenturi fil-ħitan u fil-kamra tal-banju peress li wara maduma ma kienx hemm bricks (a' fol 253). Snag list ġenerali f'wieħed mill-postijiet indikati mill-Perit Michael Anastasi tindika ħafna minn nuqqasijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma problem idrawliċi għalkemm ukoll issemmi xi tixrib ta' ħitan (a' fol 264). Dan l-istess perit f'Dok VTL11, b'ton ta' wieħed imxebba' sal-ponta ta' imnieħru għid hekk: "…*I strongly advise you appoint better skilled persons to avoid these recurrence of having jobs done twice or more.*" (Emfażi tal-Qorti). Dan il-perit f'ebda ħin ma jgħid li l-materjal kien difettuż.

**10.** Mario Bugeja f'ittra tas-26 ta' Settembru 2018 jagħmilha ċara li " *If we are responsible for the problem and it is not misuse of product or wrong installation we cover all the expenses incurred"* (a' fol 260 emfażi tal-Qorti). Ittra tal-Beer Bar fejn irċieva tnaqqis ta' €5000 inkonnessjoni ma' "snags and all other pending issues" (a' fol 267). Iġifieri ma jistax jingħad li dan

kien minħabba leak għaliex milli jidher dan il-klijent, li qatt ma ttella' jixhed, kellu numru mhux ħażin ta' ilmenti bħal fil-każ tal-klijenti oħrajn.  L-istess jista' jingħad għall-ħlas ta' €10,000 għal the Strand Project Sliema.

**11.** Imma *dulcis in fundo* fl-affidavit tiegħu Abdel Karim Ahmad jgħid, li qed ifittxu lil Jonathan Gauci għal xogħol ħażin li huwa għamel wara li spiċċa jaħdem mas-Soċjeta Turnkey Ltd (a' fol 136).  Jgħid preċiżament dan il-kliem "*Il-bidla fil-verzjoni ta' Jonathan Gauci marbut mal-problemi li rrizultaw mill-uzu tal-prodotti mixtrija minghand Wholesaler, jista' jfisser li Jonathan Gauci kien qieghed jaghmel xogholu hazin anke meta kien jahdem mal-Unique u li allura l-problemi li huwa kien jattribiwixxi ghall-materjal difettuz mixtri minghand Wholesaler kienu foloz u mhux vertieri.*" (a' fol 136 rikors 187/19).

**12.** Jidher ċar li s-Soċjeta' konvenuta kellha problema ma' dan Jonathan Gauci tant li anke ġiet intavolata kontra tiegħu kawża għad-danni mis-Soċjeta' Attriċi u dan kif anke jirrisulta mill-affidavits presentati mis-Soċjeta' konvenuta kemm tax-xhud Abel Karim u anke ta' Gravina.  Ix-xhieda tiegħu f'din il-Kawża jidher li ma niżlitx tajjeb meta dan xehed hekk:

"*Bhala prodott sibtu tajjeb u ma ghandiex problemi.  Nifhem meta rarament sibt xi fitting ghax hu oggett mass produced hafna imma overall problem ma kellniex u meta kellna xi problem ta' leakages sibna ghajnuna minghand il-Wholesaler, izda l-problemi ma kienux ikunu bhala fittings u pajpijiet hafna drabi jkunu danni ta' kuntratturi ohra per ezempju min jaghmel il-*

*membrane, min jaghmel il-madum sibna problem min naha taghhom"* (a' fol 285 tergo).

**13.** Għalhekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-Soċjeta' konvenuta ma irnexxilhiex issostni t-talbiet rikonvenzjonali tagħha fil-waqt li huwa provat li jirrisulta li l-ammont li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi huwa tassew dovut bl-imgħaxijiet legali mill-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' **sittax-il elf tlett mija u tlieta u tmenin punt tmienja u tmenin Ewro (€16,383.88)** lis-Soċjeta' Attriċi bl-imgħaxijiet legali mit-22 ta' Frar 2019 sal-pagament effettiv.

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** kollha tas-Soċjeta' konvenuta.

Spejjes kemm tar-rikors ġuramentat u anke dawk tal-kontro-talba a' karigu tas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**